WIRT IŻ-ŻEJTUN



BIEX INŻOMMUK INFURMAT

Settembru 2012 Ħarġa Nru. 6

## Aħbarijiet fil-Qosor

- Fis-17 ta' Lulju d-Dipartiment ta' l-Istudji Klassiċi u Arkeoloġija tal-Universita' ta' Malta fetħu l-bibien għas-sit tal-Villa Rumana li tinsab fl-iskola Karlu Diacono fiż-Żejtun lejn tmiem l-iskavi li qed isiru kull sajf mill-istudenti ta' l-arkeoloġija. Kienu bosta li ħatfu din l-opportunità u żaru dan is-sit arkeoloġiku u semgħu b'attenzjoni dak kollu li ġie spjegat lilhom mill-arkeoloġisti. Ħasra li ma tantx kien hemm konkorrenza minn residenti Żwieten!

- Matul l-iskavi li kienu għaddejjin din is-sena fil-Villa Rumana, barra l-kwantità ta' biċċiet ta' fuħħar li ġew misjuba, saret sejba interessanti u importanti ħafna. Waqt li kienu qed jifarfru livelli u strati differenti f'sezzjoni mill-iskav, inkixef magħsar żgħir taż-żejt taż-żebbuġa. Dan ikompli jsaħħaħ ir-rabta li hemm ta' dan is-sit mal-agro-industrija tal-produzzjoni taż-żejt taż-żebbuġ. Dawn l-iskavi kienu taħt id-direzzjoni ta' Dr Nicholas Vella.



- F'għeluq il-25 sena mill-ordinazzjoni saċerdotali tiegħu, il-Kanonku Dun George Spiteri inħatar mill-Arċisqof bħala kappillan tal-parroċċa tal-Imqabba. Dun George twieled iż-Żejtun fl-1957 u kien jgħix ir-Raħal ta' Fuq. Huwa studja fis-seminarju t'Għawdex u ħa l-Ordinazzjoni ta' saċerdot fl-1987. Dun George huwa membru f'Wirt iż-Żejtun. Nifirħulu u nawgurawlu fil-ħidma pastorali ġdida li ser ikollu.



**AWGURI DUN GEORGE**

## IS-SIMPOŻJU WASAL



Wara xhur ta' tħejjijiet fl-aħħar wasal is-Simpożju dwar il-Villa Rumana taż-Żejtun li bla dubju ta' xejn ser ikun l-akbar attività li se tkun ġiet organizzata minn Wirt iż-Żejtun s'issa.

Dan is-simpożju ser ikun qed jiddiskuti sit arkeoloġiku li għandna fiż-Żejtun li sfortunatament ftit jew xejn huwa apprezzat miż-Żwieten. Anzi, b'dispjaċir ngħidu li l-maġġoranza tar-residenti Żwieten l-anqas biss jafu li jeżisti.

Kuntrarju ta' dan, għal dan is-simpożju sibna numru sabiħ ta' akkademiċi, riċerkaturi u esperti li ser jaqsmu l-kontribut tagħhom lejn dan is-sit permezz ta' numru ta' preżentazzjonijiet. Uħud minn dawn il-kontributuri ilhom snin sħaħ jistudjaw dan is-sit, oħrajn għamlu riċerka speċifika u ser jippreżentawha għall-ewwel darba f'dan is-simpożju.

Huwa ppjanat li b'kollox ser ikollna tnax–il preżentazzjoni li jistgħu jinġabru taħt tliet gruppi partikolari. L-aspett ta' riċerka li tinkludi fiha l-iskavi u studji arkeoloġiċi flimkien ma' riċerka dwar temi marbuta mal-kultivazzjoni taż-żebbuġ u l-kummerċ fiż-żejt taż-żebbuġa. Aspett ieħor li ser jiġi diskuss huwa dak tal-konservazzjoni. Hawn ser naraw x'qed isir mill-Università ta' Malta fuq dan is-sit u xi studji saru s'issa dwar l-istat ta' konservazzjoni tal-fdalijiet li għandna. It-tielet u l-aħħar aspett huwa dak ta' l-immaniġjar tas-sit, fejn ser nisimgħu u niddiskutu proposti dwar kif dan is-sit jista' jiġi mmaniġjat aħjar bi skop li mhux biss ikun apprezzat aktar iżda wkoll imħares aħjar.

Is-simpożju ser jinfetaħ mill-Eċċelenza Tiegħu il-President Emeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici.

Ir-reġistrazzjoni għas-simpożju hija ta' €10 u tista' ssir minn fuq is-sit elettroniku ta' Wirt iż-Żejtun jew billi timla l-formola li hawn fuq il-paġna ta' wara u tintbagħat lil Wirt iż-Żejtun, Kaxxa Postali 25, Żejtun, sat-30 ta' Settembru 2012. Membri ta' Wirt iż-Żejtun jattendu mingħajr ħlas iżda xorta jridu jirreġistraw.



## *Editorjal:* Il-Villa Rumana

**Matul il-jiem li ġejjin, Wirt iż-Żejtun ser tkun qed torganizza numru ta' attivitajiet marbuta mal-Villa Rumana taż-Żejtun. Dawn għandhom l-għan li jilħqu diversi setturi tal-komunità taż-Żejtun u wkoll ikunu pjattaforma ta' informazzjoni dwar wirt Beltna għal dawk li mhumiex Żwieten.**

Il-kumitat ta' tmexxija ilu jaħdem fuq dawn l-attivitajiet għal xhur sħaħ u huma meqjusa bħala l-akbar proġett li ser inkunu ħdimna fuqu minn kemm ilha mwaqqfa l-għaqda tagħna. Il-ħsieb wara dawn l-attivitajiet huwa li joktor l-interess u l-apprezzament ta' dan is-sit arkeoloġiku importanti li għandna f'Beltna.

Huwa ta' għafsa ta' qalb li tisma' Żwieten li jgħidulek li ma jafux li jeżisti dan is-sit, meta dan huwa meqjus bħala r-rabta diretta bejn isem Beltna u l-industrija taż-żejt taż-żebbuġa. Rabta li tmur lura għal eluf ta' snin.

Il-wirja li ser niftħu jumejn qabel Żejt iż-Żejtun ser tkun vettrina ta' informazzjoni dwar dan is-sit, permezz ta' midja differenti li tista' tinftiehem minn kulħadd. F'din il-wirja ser jiġu esebiti xi fdalijiet li nstabu waqt l-iskavi ta' dan is-sit, grazzi għall-koperazzjoni li sibna minn Heritage Malta, id-Dipartiment tal-Istudji Klassiċi u Arkeoloġija ta'-Università ta' Malta u l-Parroċċa. Il-wirja ser tiġi ospitata mill-Kunsill Lokali taż-Żejtun, fiċ-Ċentru tal-Arti u l-Artiġġjanat ta'-istess kunsill li qiegħed fi Triq San Girgor. Din ser tibqa' miftuħa f'xi ħinijiet ukoll matul il-ġimgħa ta' wara. Hija x-xewqa tagħna wkoll li matul din il-ġimgħa jkollna żjarat organizzati mill-iskejjel taż-Żejtun sabiex nilħqu lil ġenerazzjoni żgħira.

Is-simpożju ta' ġurnata li ser isir fid-Domus fis-6 t'Ottubru ser ikun l-ewwel wieħed li qatt ġie organizzat f'din l-iskala fiż-Żejtun. Għalkemm se jitratta tema lokali, is-simpożju huwa wieħed ta' livell nazzjonali. Għalih ġew mistiedna l-aqwa akkademiċi u esperti fl-oqsma marbuta mal-arkeoloġija, ir-riċerka storika, il-konservazzjoni u l-immaniġjar tal-wirt kulturali. Għandna l-unur ukoll li l-Eċċelenza Tiegħu il-President Emeritus Dr Ugo Mifsud Bonnici laqa' l-istedina li għamilnielu sa biex jiftaħ is-simpożju.

Sabiex dak li se jkun preżentat waqt is-simpożju jibqa' magħruf u l-għarfien tiegħu jinfirex 'l barra mis-sala tad-Domus, ħsibna wkoll li l-kontribuzzjonijiet li ser isiru jinġabru kollha f'dik li se tkun l-ewwel pubblikazzjoni ta' Wirt iż-Żejtun. Dan il-ktieb se jkun bil-lingwa Ingliża biex din l-informazzjoni tinfirex ukoll 'l barra minn xtutna.

Huwa mistenni li permezz ta' dawn l-attivitajiet ser toħroġ aktar informazzjoni interessanti dwar dan is-sit u l-istorja tiegħu. Din l-informazzjoni tkompli tkabbar mhux biss l-importanza tal-Villa Rumana, iżda wkoll tkompli tgħabbina b'aktar responsabbiltà sabiex inħarsu dan il-wirt. Nittamaw li dawn l-attivitajiet biex jitħares dan is-sit, iwasslu biex dak li nbeda mill-Università ta' Malta u Din l-Art Ħelwa matul dawn l-aħħar snin, jitkattar u jkun hemm impenn akbar ankè mill-lokal. B'hekk dan is-sit jiġi mmaniġjat aħjar.

## L-Għana Malti tagħna lkoll

**Nhar il-Ġimgħa 6 ta' Lulju Wirt iż-Żejtun organizzat lejla informattiva u rikrejattiva fi Ġnien Luqa Briffa. Din is-sena s-suġġett diskuss kien l-Għana Malti.**

Is-Sur Charles Coleiro ta tifsira dettaljata tal-għana Malti u spjega d-diversi forom ta' għana hekk kif imħaddma mill-għannejja lokali. Sa biex iżewqu din l-ispjega taw kontribut xi għannejja Żwieten li għannew siltiet li kkumplimentaw l-istess spjega. Mikiel Cumbo u Żeppi Spagnol akkumpanjati mill-kitarristi Gustu Zammit u Janice Spagnol bdew biex għannew silta botta u risposta jew kif ħafna jafuha bħala għana spirtu pront. Janice għanniet silta simili ma' missierha Żeppi. Wara li Charles fisser x'inhi l-għana la Bormliża, Mikiel Cumbo għanna silta minn din l-għanja. Silta mill-għana tal-fatt dwar l-inċident tat-traffiku li seħħ fi Triq Anton Buttigieg fl-2009 tgħanniet minn Żeppi Spagnol wara li Charles Coleiro fisser lil dawk preżenti l-arti ta' għanjiet bħal dawn u għaliex kienu jsiru. Janice għannitilna wkoll silta minn dik magħrufa bħala għana tal-banju, li spiss kienu jgħannu n-nisa huma u jagħmlu l-ħasla.



Is-Sur Steve Borg beda l-preżentazzjoni tiegħu billi fisser lil dawk preżenti d-differenza bejn wirt tanġibbli u dak intanġibbli. L-għana Malti jaqa' f'din tal-aħħar. Wara, ħadna madwar diversi pajjiżi fosthom dawk fin-naħa t'isfel tal-Ewropa u ġabar x'qed jagħmlu dawn il-pajjiżi biex iħarsu dan il-wirt b'mod partikolari l-għanjiet u l-istrumenti folklorisitiċi tagħhom. Il-mistoqsija spissa li beda jagħmel Steve kienet: "Aħna x'qed nagħmlu biex inħarsu l-għana Malti?". Hu spjega fid-dettall dak li sar s'issa, mod partikolari mill-Għaqda Ħbieb tal-Arkivji Nazzjonali, fejn permezz tagħhom numru ta' żigarelli ta' għana Malti qed jiġu kkonservati u priservati fl-arkivji nazzjonali. Huwa wkoll wera xi ritratti antiki ta' numru ta' għannejja Żwieten waqt li kienu qed jgħannu fid-diversi ħwienet tax-xorb li kien hawn fiż-Żejtun. Barra minn hekk semma' xi siltiet ta' għana li jmorru lura fiż-żmien.

## Imniedi l-Ewwel Arkivju Diġitali dwar iż-Żejtun

Fil-bidu ta' Lulju ġie mniedi l-ewwel arkivju diġitali dwar il-wirt storiku u kulturali taż-Żejtun. Aktarx dan huwa l-ewwel arkivju diġitali tat-tip tiegħu f'Malta.

Dan il-proġett ma kienx jirnexxi li kieku ma sibniex l-għajnuna tal-Parroċċa taż-Żejtun; iż-żewġ Soċjetajiet Mużikali Żwieten; l-Għaqda tal-Armar 25 ta' Novembru u l-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru, li lkoll tawna l-peremess sabiex inkunu nistgħu nagħmlu kopja diġitali tal-pubblikazzjonijiet li joħorġu kull sena fil-festa u naqsmuha magħkom.

Dan l-arkivju jikkonsisti f'470 kopja diġitali ta' artikli dwar il-wirt storiku u kulturali taż-Żejtun miġbura f'95 ktieb mibjugħa matul dawn l-aħħar 30 sena mill-Parroċċa taż-Żejtun, l-Għaqda Mużikali Beland, l-Għaqda Banda Zejtun, l-Għaqda tal-Armar 25 ta' Novembru u l-Għaqda tan-Nar 25 ta' Novembru. Dawn l-artikli nkitbu minn 79 awtur differenti u jinsabu miġbura taħt 14-il kategorija.

L-arkivju huwa aċċessibbli mis-sit elettroniku ta' Wirt iż-Żejtun, kemm minn dak bil-lingwa Maltija kif ukoll mill-verżjoni Ingliża, billi tagħfas fuq l-ikona dwar dan l-arkivju mill-ewwel paġna tas-sit elettroniku. Tista' wkoll tidħol dirett fl-arkivju minn: http://wirtizzejtunartikli.wordpress.com/ .

Dan l-arkivju għandu jkun għajn ta' informazzjoni għall-istudenti u dawk kollha li jixtiequ jsiru jafu aktar dwar il-wirt taż-Żejtun.

## WIRJA

**DWAR IL-VILLA RUMANA TAŻ-ŻEJTUN**

***BEJN IS-27 TA' SETTEMBRU U S-7 T'OTTUBRU***

FIĊ-ĊENTRU TAL-ARTI U ARTIĠĠJANAT TAL-KUNSILL LOKALI TRIQ SAN GIRGOR

## OFFERTA TA' QABEL IL-PUBBLIKAZZJONI

Wirt iż-Żejtun nehdiet l-offerta ta' qabel il-pubblikazzjoni tal-ewwel ktieb li ser tistampa u li ser ikun fil-ħwienet tal-kotba sa Novembru 2012.

Dan il-ktieb ser jinkludi fih il-preżentazzjonijiet kollha li ser isiru minn akkademiċi, esperti u riċerkaturi li ġew mistiedna mill-għaqda għall-ewwel simpożju nazzjonali li ser jittella' fis-6 t'Ottubru. Dan ser jittratta t-tema, "Il-Villa Rumana taż-Żejtun: Riċerka, Konservazzjoni, Immaniġjar.

Il-ktieb ta' 144 faċċata ser ikun bil-lingwa Ingliża u stampat kollu bil-kulur.




**WIRT IŻ-ŻEJTUN**

**SIMPOŻJU 2012**

**IL-VILLA RUMANA TAŻ-ŻEJTUN**

RIĊERKA, KONSERVAZZJONI, IMMANIĠJAR

IS-SIBT 6 T'OTTUBRU 2012

## FORMOLA

ISEM U KUNJOM ____________________

INDIRIZZ POSTALI

____________________

____________________

MOB./TEL. ____________________

INDIRIZZ ELETTRONIKU

____________________

**REĠISTRAZZJONI GĦAS-SIMPOŻJU (€10 KULL PERSUNA)** ☐

**ORDNI TAL-KTIEB DWAR IL-VILLA RUMANA TAŻ-ŻEJTUN (€15)** ☐

**IBGĦAT DIN L-APPLIKAZZJONI FLIMKIEN MA' ĦLAS B'ĊEKK LIL WIRT IŻ-ŻEJTUN, KAXXA POSTALI 25, ŻEJTUN SAT-30 TA' SETTEMBRU 2012**

**Ingħaqad magħna fuq facebook**